VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,461, 7 ta' Awwissu, 2015
Taqsima B

A.L. 250 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2015 tal-Kors għall-Grad ta' Master in Education Policies for Global Development taħt il-patroċinju taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2015 tal-Kors għall-Grad ta' Master in Education Policies for Global Development.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji, responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u għall-organizzazzjoni tal-Kors, li għandu jinkludi membru minn kull Istituzzjoni Msieħba;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Education Policies for Global Development;

"l-Istituzzjonijiet Imsieħba" tfisser l-istituzzjonijiet li qed jieħdu sehem fil-programm għall-Master tal-Erasmus Mundus li hu approvat mill-Kummissjoni Ewropea taħt il-*Convention Number* 553683-EPP-1-2014-ESEPPKA1-JMD-MOB, jiġifieri:

Autonomous University of Barcelona
l-Università ta' Malta
University of Oslo.

VERŻJONI ELETTRONIKA

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju żviluppat mill-Istituzzjonijiet Imsieħba li jwassal għall-grad ta' Master in Education Policies for Global Development;

"is-Senat" tfisser is-Senat tal-Università ta' Malta; u

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta.

(3) Dan il-Grad huwa grad ta' Master tal-Università mogħti flimkien ma' universitajiet oħra u dan għandu jfisser li l-Kors huwa mgħallem fl-Istituzzjonijiet Imsieħba fi ħdan qafas ta' programm għal grad mogħti flimkien. Il-Grad jingħata biss jekk l-Istituzzjonijiet Imsieħba jiddikjaraw li l-istudent huwa eliġibbli biex jingħata r-rikonoxximent.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-Korsijiet li jibdew f'Settembru 2015 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għandu jkollhom grad tal-ewwel ċiklu minn din l-università jew minn università oħra rikonoxxuta mis-Senat, ikklassifikat mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Ta' Fuq) jew f'Kategorija IIA jew klassifikazzjoni ekwivalenti, f'waħda minn dawn l-oqsma li ġejjin: ix-Xjenzi Edukattivi, is-Soċjoloġija, l-Antropoloġija Soċjali/Kulturali, ix-Xjenzi Politiċi, il-Ġeografija Umana, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, jew l-Istudji tal-Iżvilupp Internazzjonali. It-tul tal-programm tal-grad tal-ewwel ċiklu għandu jkun ta' minimu ta' tlett snin u għandu jinkludi 180 krettu ECTS.

(2) (i) L-applikanti huma meħtieġa juru li l-livell tal-Ingliż tagħhom huwa sodisfaċenti. L-offerta ta' post fuq il-Kors għandha tkun suġġetta li l-applikanti jiksbu dawn il-kwalifiki ta' proficjenza qabel il-bidu tal-istudji tagħhom.

(ii) Il-Proficjenza fl-Ingliż għandha tkun ċertifikata minn waħda minn dawn li ġejjin:

(a) TOEFL: punteġġ ta' mill-anqas 250 (*computer-based test*) jew 95 b'punteġġ ta' mill-anqas 24 fil-komponent tal-kitba (*internet-based test*);

(b) Cambridge Proficiency Examination Advanced Certificate: bi grad Ċ jew aħjar; jew

(c) IELTS: mill-anqas punteġġ ta' 6.5 b'punteġġ minimu ta' 6.0 f'kull komponent.

(iii) Nies li l-lingwa nattiva tagħhom hija l-Ingliż u studenti li attendew kors ta' Bachelor mgħallem bl-Ingliż ma jkunux meħtieġa jissottomettu ċ-ċertifikati msemmija hawn fuq iżda jistgħu jkunu meħtieġa juru l-proficjenza tagħhom b'mod ieħor.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, għandu jiddetermina l-għadd tal-applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. In-numru tal-postijiet disponibbli għandu jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(4) Jekk in-numru ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu evalwati fuq il-bażi ta' dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) ir-rilevanza tal-għarfien akkademiku fix-Xjenzi Edukattivi jew fi kwalunkwe qasam rilevanti ieħor (25%);

(b) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad (30%);

(c) it-tħassib għall-kwistjonijiet tal-edukazzjoni u tal-iżvilupp internazzjonali, kif ukoll interess biex titwettaq riċerka b'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet fl-oqsma tal-politika u tal-prattika, kif iddikjarat f'ittra ta' motivazzjoni (10%);

(d) l-esperjenza ta' xogħol f'qasam rilevanti (inkluż xogħol ta' volontarjat), bħal f'organizzazzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali jew f'organizzazzjonijiet mhux-governattivi fit-Tramuntana Globali jew fin-Nofsinhar Globali (15%);

(e) l-esperjenza fit-twettiq ta' riċerka kwantitattiva u/jew kwalitattiva (15%); u

(f) l-ittri ta' rakkomandazzjoni (tnejn huma meħtieġa) (5%).

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq sentejn ta' studju fuq bażi *full-time*.

(2) Il-Bord tal-Istudji jista' jħalli lill-istudenti jestendu l-istudji tagħhom b'mhux aktar minn sitt xhur, izda f'ċirkustanzi speċjali, is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, jista' 'jagħti lill-istudenti estensjoni oħra ta' mhux aktar minn sentejn sabiex ikunu jistgħu jlestu l-istudji tagħhom.

(3) Jekk studenti li qegħdin isegwu l-Kors jgawdu minn borża ta' studju u jinħtieġu estensjoni, il-borża ta' studju tagħhom m'għandhiex tiġi estiża.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għaihom hemm assenjati total ta' 120 krettu ECTS, u għandu jinkludi 60 krettu ECTS għal taqsimiet studju mgħallma, 15-il krettu ECTS għal *internship*, 15-il krettu għal *fieldwork*, u 30 krettu ECTS għal portfolio akkademiku li jinkludi dissertazzjoni flimkien ma' artiklu f'ġurnal jew *policy paper*. Il-Bord għandu jippubblika l-programm qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) L-istudenti kollha huma meħtieġa li jattendu perijodu ta' studju obligatorju f'kull Istituzzjoni Msieħba, kif indikat fil-programm.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

6. Il-Bord tal-Istudji għandu jħejji katalgu tat-taqsimiet studju kollha. Il-katalgu għandu jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kretti ECTS assenjati għal kull taqsima studju, il-metodi ta' tagħlim u l-valutazzjoni, kif ukoll l-opportunitajiet għall-evalwazzjoni mill-ġdid għal kull taqsima studju.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju għandha ssir fit-tmiem tat-taqsima studju, matul il-perijodu ta' attendenza f'waħda mill-Istituzzjonijiet Msieħba fiż-żmien speċifikat mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju, inkluża d-dissertazzjoni, għandhom ikunu ppubblikati bħala grad bl-ittri, fejn A huwa l-aħjar grad, E huwa l-iktar grad baxx u F tfisser li wieħed Weħel, kif indikat fit-tabella ta' hawn taħt:

Skala tal-ECTS	**Autonomous University of Barcelona**	**Università ta' Malta**	**University of Oslo**
A Xogħol Eċċellenti	A+: 10 bl-Unuri 9.0-10	80%-100%	9.0-10
B (Next 25%) Xogħol Tajjeb Ħafna	8-8.9	70%-79%	8-8.9
C (Next 30%) Xogħol Tajjeb	7-7.9	55%-69%	7-7.9
D (Next 25%) Xogħol Sodisfaċenti	6-6.9	50%-54%	6-6.9
E (Next 10%) Xogħol Suffiċjenti	5-5.9	45%-49%	5-5.9
FX (Weħel) F (Weħel : mingħajr krettu)	0-4.9	0%-44%	0-4.9

(3) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju mgħallma jitħallew jagħmlu valutazzjoni mill-ġdid darba biss. Il-valutazzjoni mill-ġdid għandha ssir fis-sessjoni tal-eżamijiet skedata li jmiss (Mejju jew Settembru) skont il-każ. Jekk l-istudent jgħaddi fil-valutazzjoni mill-ġdid, il-grad li jingħata hu Grad E.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) L-istudenti li ma jtemmux jew li jeħlu fil-valutazzjoni tal-*internship* u tal-*fieldwork* ma jkollhomx id-dritt għall-valutazzjoni mill-ġdid u jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

(5) Is-Senat għandu jaħtar Bord tal-Eżaminaturi għal kull taqsima studju segwita fl-Università, skont il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università.

Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu dissertazzjoni individwali ta' bejn il-25,000 u t-30,000 kelma, esklużi r-referenżi u l-appendiċi, skont il-linji gwida maħruġa mill-Bord tal-Istudji.

(2) Id-dissertazzjonijiet għandhom normalment jinkitbu bl-Ingliż. Iżda l-Bord tal-Istudji jista' jħalli lill-istudenti jiktbu d-dissertazzjoni tagħhom b'lingwa oħra, sakemm li l-Bord tal-Istudji jaċċerta, għas-sodisfazzjon tas-Senat, li l-Istituzzjonijiet Imsieħba għandhom il-kompetenza meħtieġa biex jissorveljaw u jeżaminaw ix-xogħol. F'dawn il-każijiet, l-istudenti jkunu meħtieġa jinkludu traduzzjoni tal-Astratt bl-Ingliż.

(3) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet u r-raba' semestri tal-Kors. L-istudenti għandhom jissottomettu titlu u proposta tar-riċerka dettaljata għall-approvazzjoni sad-data stabbilita u fil-format speċifikat fil-Ktieb tal-Istudenti kif imħejji mill-Bord tal-Istudji.

(4) L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji għal kwalunkwe modifikazzjoni sostanzjanli fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) Id-dissertazzjonijiet għandhom jinkludu dikjarazzjoni ffirmata mill-istudenti li dak huwa x-xogħol oriġinali tagħhom.

(6) Qabel ma jiggradwaw, l-istudenti għandhom jippreżentaw kopja tad-dissertazzjoni llegata b'qoxra iebsa lill-Bord tal-Istudji, u kopja elettronika lil kull waħda mill-Istituzzjonijiet Imsieħba, li għandhom jinkludu dikjarazzjoni ta' awtentiċità ffirmata. Il-verżjoni elettronika għandha tikkonforma mal-livelli stabbiliti minn kull Istituzzjoni Imsieħba.

9. (1) Il-Bord tal-Istudji għandu jaħtar superviżur għal kull student. L-istudenti huma meħtieġa li jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tal-paragrafu (2) tar-regolament 4; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

(3) Ir-rwol tas-superviżur għandu jieqaf meta d-dissertazzjoni tiġi sottomessa għall-eżami iżda jista' jkompli, fuq il-parir tal-Bord tal-Eżaminaturi, sabiex jipprovdi gwida lill-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom tkun ġiet riferuta lura lilhom għal korrezzjoni sinifikanti qabel ma tkun aċċettata bħala finali.

10. (1) Kull dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord tal-Eżaminaturi, magħmul tal-anqas minn tliet eżaminaturi, li wieħed minnhom normalment għandu jkun eżaminatur lokali minn waħda mill-Universitajiet Imsieħba. Il-Bord tal-Eżaminaturi jista' jinkludi wkoll eżaminatur estern maħtur minn istituzzjoni esterna għall-Universitatjiet Imsieħba.

(2) L-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa li joqogħdu għal eżami *viva voce* biex jiddefendu d-dissertazzjoni tagħhom u dan jista' jsir permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi jekk ikun hemm l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji.

11. (1) L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom ma tkunx sodisfaċenti jistgħu jitħallew mill-Bord tal-Istudji, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi, jerġgħu jissottomettuha f'forma riveduta, sa sitt xhur minn meta din tiġi riferuta lilhom.

(2) Jekk student jeħel mid-dissertazzjoni, il-grad massimu li jista' jingħata fil-valutazzjoni mill-ġdid hu Grad E.

L-Għoti tal-Grad

12. (1) L-istudenti li jiksbu l-120 krettu ECTS jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.

13. Il-Grad jingħata flimkien mal-Istituzzjonijiet Imsieħba kollha wara ftehim bejn l-Università u l-Istituzzjonijiet Imsieħba kkonċernati.